# GĦAQDA ĦBIEB KAPPELLI MALTIN

Ħbieb il-Kappelli Maltin

*PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta*
*e-mail: kappellimaltihbieb@gmail.com*
*Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin*

**Kumitat 2020**

**President**
Adrian Schinas

**Viċi-President**
Valent Xuereb

**Segretarju**
Nardu Agius

**Asst. Segretarju u PRO**
Norbert Gingell

**Teżorier**
Godfrey Mangion

**Assistent Teżorier**
Angele Xuereb

**Attivitajiet li l-Kumitat qed jaħdem u jippjana għax xhur li ġejjin** (*jistgħu jinbiddlu skont iċ-ċirkostanzi:*)

**Marzu**

- Kappelli fil-lokalita' taż-Żejtun

**April**

- Kappelli fil-lokalita' San Ġwann

**Mejju**

- Kappelli f'Għawdex

**Ġunju**

- Kappelli fil-lokalita' tan-Naxxar

# Attivita' Frar 2020

## IL - KAPPELLA TAL-LUNZJATA, ĦAŻ-ŻEBBUĠ



Il-Faċċata

Din hi l-unika knisja li nsibu ġewwa Ħaż-Żebbuġ li m'għandix bini jmiss magħha. L-Isqof Davide Cocco Parlmieri, wara li kien għamel żewġ visti pastorali ġewwa Ħaż-Żebbuġ, waħda fl-1693 u l-oħra fl-1696, jirraporta li l-knisja li naraw illum kienet tlestiet fl-1696. Dun Ġulju Zammit daħal għal bini ta' din il-knisja bil-flus li żijuh Dun Martinu Zammit, li kien jiġi ħu missieru Giorgio, kien ħalla wara mewtu. Qabel kien hemm knisja oħra. Mhux magħruf min hu l-perit tagħha.



It-Titular

Din il-knisja għandha għamla ta' skorfina bi tmien faċċati. Fuq ġewwa għandha għamla tagħti għat-tond u għandha tmin kollonni li jispiċċaw bil-kapitelli. Għandha koppla ovali.

Fuq l-altar maġġur, li hu miksi bl-irħam, hemm it-titular li juri t-Tħabbir tal-Arkanġlu Gabriel lil Madonna (il-Lunzjata) xogħol ta' Stefano Erardi li tpitter fl-1690. Dan il-kwadru hu mdawwar bi gwarniċ tal-ġebel skolpit fi stil Barokk li partijiet minnhom huma ndurati bid-deheb. Aktar 'l fuq mit-titular hemm kwadru ieħor juri l-Missier Etern.




**Il-Missier Etern**

Minbarra l-kwadru tat-titular, din il-knisja hi mgħonija b'erba' kwadri oħra ta' Erardi li jirraprezentaw lil: San Martin ta' Tours, San Ġorg u l-Papa Ġulju – dawn ifakkru l-membri tal-familja Zammit u San Girgor Papa. Insibu wkoll il-gallarija tal-orgni.



**L-Artal Maġġur**

Fuq il-bieb ta' barra hemm tieqa kwadra u fuqha nsibu l-istemma tal-Papa. Fi żmien l-Isqof D. Cocco Palmieri minnflok din l-arma kien hemm dik tal-aħwa Giorgio u Martinu Zammit.

*Ħajr: www.kappellimaltin.com*



**It-Tħabbira tal-Anġlu**

*Ritratti : N Gingell*

# IL-KAPPELLA TAL-MADONNA TAL-ANĠLI, Ħaż-Żebbuġ



**Il-faċċata**



**L-altar maġġur**



**It-titular, xogħol ta' Rokku Buhagiar**

Dun Marjanu Buttigieg kien tabib qabel ma mar Ruma jistudja biex isir saċerdot. Hemm kien jiffrekwenta knisja iddedikata lil *Santa Maria degli Angeli e dei Martiri.* Meta rritorna Malta iddeċieda li jibni minn butu knisja u jiddedikaha lill-Madonna tal-Anġli. Il-perit Gio Andrea Psaila għamel il-pjanta. Tbieket mill-Isqof Vinceno Labini fit-3 ta' Novembru 1787.



Għandha tliet bibien u dak prinċipali hu mdawwar bi gwarniċ wiesa' u f'kull bieba hemm tieqa żgħira li kienet tinżamm miftuħa sabiex meta l-knisja tkun magħluqa id-devoti tal-Madonna setgħu jinvistawha minnhom. Fuq kull bieb tal-ġenb hemm velestrun u ftit aktar 'l fuq tieqa.

Il-knisja għandha koppla sabiħa li tispiċċa b'lanterna merfugħa minn kolonni stil Doriku. Il-knisja fiha xogħol stil Barokk ta' sengħa kbira. Għandha antiporta kif ukoll gallarija li kien fiha orgni.



**Il-koppla**

Il-kwadru titulari hu ta' Rokku Buhagiar u jinsab fuq l-artal maġġur imdawwar minn gwarniċun kemmxejn wiesa' tal-ġebel. Il-kwadru juri lill-Madonna mdawra minn għadd ta'angli, fosthom San Mikiel u San Gabriel. Rokku Buhagiar pitter erba' kwadri oħra ovali li juru l-Konverżjoni, in-Nawfraġju u l-Martiju ta' San Pawl u l-Martiju ta' San Pietru. Dawn il-kwadri llum jinsabu fis-sagristija tal-parroċċa.

*Ħajr: www.kappellimaltin*



**San Franġisk ma' Ġesu Msallab**



**Maria Dolorata**



**It-Tieġ ta' Kana**

*Ritratti : N Gingell*

## IL-KAPPELLA TA' SAN ĠUŻEPP — magħrufa bħala l - OSPIZJU



**Il-faċċata**



**L-artal maġġur**



**Il-Mewt ta' San Ġużepp**

Giovanni Battista Debono, li kien negozjant minn Ħaż-Żebbuġ, xtaq li jgħin biex jinbena sptar ġewwa Ħaż-Żebbuġ. Dan għamlu permezz ta' Donazzjoni Causa Mortis ippublikat fil-5 ta' Marzu 1778 li biha hu ħalla s-somma ta' madwar 6000 skud sabiex bihom il-kappillan ikun jista' jibni sptar.

Fost kundizzjonijiet oħra li kien għamel għal din id-donazzjoni ried li parti mill-flus '*jiġu mqassmu lit-tfal fil-bżonn fl-imsemmija Belt Rohan, li fosthom xtaq jiġu ppreferuti tfal morda mixħuta fis-sodda u taħt kura medika, jekk sadanittant ma jseħħx li jinbena sptar fl-imsemmija Belt, li fil-kas xtaq li l-imsemmi frott jiġi applikat fil-bini tal-imsemmi sptar u fi bżonnijiet oħra biex jinbena, ......*'.

Dun Giuseppe Pullicino u l-Ispizjar Vincenzo Farrugia talbu lill-Isqof Vincenzo Labini sabiex huma bħala prokuraturi tal-Veneranda Lampada tal-Parroċċa, jagħtu bidu għall-bini ta' dan l-isptar. L-Isqof laqa' din it-talba b'digriet li ħareġ fit-23 ta' Diċembru 1787. L-isptar infetaħ nhar il-festa ta' San Ġużepp fid-19 ta' Marzu 1794.

L-isptar infetaħ nhar il-festa ta' San Ġużepp fid-19 ta' Marzu 1794.

Fl-1900 dan l-Ospizju għadda fil-kura tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesu. Aktar tard kien inbidel fi skola għal tfal żgħar immexxija mill-istess sorijiet.

Il-kappella, li hi ddedikata lil San Ġużepp, saret minflok is-sala fejn qabel kienu jinżammu l-morda. Fuq l-altar il-maġġur hemm kwadru sabiħ li juri l-mewt tal-qaddis li qiegħed fi prospettiva tal-ġebel skolpita fi stil Barokk. Mhux magħruf minn kien il-pittur għalkemm hawn min jattribwih lil Francesco Zahra.

Minbarra l-altar maġġur, fuq in-naħa tax-xellug hemm altar żgħir quddiem niċċa tal-Madonna tal-Medalja Mirakoluża



**It-Tħabbira tal-Anġlu**



**Is-saqaf**



**Il-Madonna tal-Midalja Mirakoluża**



**Kwadrett ovali**

**L-Anġlu Kustodju**




**Kwadretti ovali**

**San Mikiel**

*Ritratti : N Gingell*

# IL-KAPPELLA TAL-MADONNA TAL-GRAZZJA — ĦAŻ-ŻEBBUĠ



**Il-faċċata**



**It-titular**



Qabel il-knisja li naraw illum kien hemm oħra ddedikata għat-Tlugħ is-Sema tal-Madonna. Jidher li meta fl-1575 nvista din il-kappella Mons. Pietru Dusina sab li kienet tinsab fuq art ta' Angelo Attard li kien ukoll jieħu ħsiebha. Iżda meta żarha l-Isqof Baldassare Cagliares fl-1615 sabha fi stat ħażin ħafna u ipprofanaha. Bl-għajnuna tal-familja Attard reġgħet inbniet kappella oħra minflok dik li kien hemm u fl-1621 iddedikawha lill-Madonna tal-Grazzja. Għalkemm kien inbidlilha t-titular, sal-1776 xorta waħda l-festa baqgħet issir fil-15 t'Awwissu, iżda wara l-festa bdiet tiġi ċċelebrata fit-8 ta' Settembru.

Din il-knisja minn ġewwa għandha arkitettura sempliċi, b'saqaf troll. Fuq l-altar maġġur li hu tal-irħam, f'reredos barokk hemm il-kwadru titulari li juri l-Madonna bil-Bambin f'idejha u magħha jidhru San Karlu Borromeo, San Mikiel, San Martin u Santa Katarina. Mhux magħruf min pitter dan il-kwadru.

F'din il-knisja insibu statwa tal-Madonna bil-Bambin fidha. Hemm żewġ statwi oħra dik ta' San



Ġuda Taddew u ta' Sant'Antnin – xogħol Karlu Darmanin.

Il-knisja għandha faċċata sempliċi u eleganti. Fuq kull naħa tal-bieb prinċipali hemm żewġ twieqi, li meta l-knisja tkun magħluqa id-devoti jkunu jistgħu jitolbu minn barra lill-Madonna. L' fuq mill-bieb hemm tieqa oħra li fuq kull naħa hemm niċċa: f'tax-xellug hemm statwa tal-Madonna u li f'tal-lemin hemm statwa ta' San Ġużepp.









Ritratti : N Gingell